MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Numru. 614/2003

Il-Pulizija
(Sp Chris Galea Scannura)
vs
Francesca Camilleri, bint Samwel Schembri, imwielda Ħal-Qormi fit-13 ta' settembru, 1948
u
Samuel Camilleri, iben Anthony, imwieled Ħ'Attard fis-26 ta' novembru, 1971
u
Sharon Camilleri, bint Anthony, imwielda Ħ'Attard fl-1 ta' awissu, 1969
u
Mary Falzon, bint Samwel Schembri, imwielda Ħal-Qormi fid-19 ta' marzu, 1947

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fit-8 ta' ġunju, 2003, għal ħabta tas-6.30 p.m. ġewwa Triq il-Vitorja, Ħal-Qormi, volontarjament ħassru, għamlu ħsar jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew

immobbli, liema ħsara hi iżjed minn ħames mitt liri maltin (Lm500) u saret fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBH 028, ta' l-għamla Ford Ka għad-dannu ta' Dolores D'Amato;
2. talli fl-istess data, ħin u lok volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara hi iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) u saret fuq il-frame tan-nuċċali ta' l-għamla Lacroix numru 8354 għad-dannu ta' Dolores D'Amato;
3. talli fl-istess data, ħin u lok volontarjament ikkaġunaw feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Dolores D'Amato u Anthony Camilleri skond kif iċċertifikaw Dr. Joseph Abela M.D. u Dr. Robert Sammut M.D.;
4. talli fl-istess data, ħin u lok ħebbew għall-istess persuni sabiex jiġurjawhom, idejquhom jew jagħmlulhom ħsara;
5. talli fl-istess data, ħin u lok kissru l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija ġġiegħel lill-imputati jħallsu d-danni li għamlu u tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni msemmija skond kif hem maħsub fl-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' april, 2008 fejn il-partijiet infurmaw il-Qorti li d-danni ġew imħallsa.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' april, 2008 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 325(1)(a), 221(1), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ma

tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------